# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 9 ta' Frar, 2001.**

**Numru 1**

**Citaz. Nru. 64/01GV**

**M & C Company Limited**

**vs**

**Events Travel and Incentives Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-kumpnaija konvenuta hija debitrici tal-kumpanija attrici versu s-somma ta' elf, mitejn u erba' liri Maltin u tletin centezmi (Lm1,204,30) liema ammont jirraprezenta bilanc minn prezz ta' ikel u xorb provdut fir-restaurant 'Trattoria Palazz' propjeta' tal-kumpanija attrici, lill-kumpanija konvenuta fuq ordni taghha stess;

Premess illi l-kumpanija konvenuta ghalkemm interpellata kemm il-darba sabiex thallas, verbalment u anke bil-miktub, baqghet inadempjenti;

Premess illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ai termini tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, stante li dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-kumpanija attrici, il-kumpanija konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talba ghall-hlas ta' l-imsemmi ammont u l-klumpanija attrici qeghdha tannetti affidavit immarkat Dok. A a tenur ta' l-istess Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Tiddecidi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas lil kumpanija attrici s-somma ta' elf, mitejn u erba' liri Maltin u tletin centezmu (Lm1,204.30);

Bl-imghax kummercjali u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici; Ezaminat l-atti tal-kawza; Rat il-verbal li bih gie cedut is-sorte;

Billi mill-provi mhux kontradetti, fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici ghall-iimghax u li spejjez, bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**